DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/675

tal-15 ta' Mejju 2020

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta bit-titolu "Il-libertà tal-kondiviżjoni"

(notifikata bid-dokument C(2020) 3191)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

(1) L-għanijiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta bit-titolu "Il-libertà tal-kondiviżjoni" huma: "L-illegalizzar ta' kondiviżjoni - permezz ta' netwerks diġitali, għal użu personali u għal finijiet ta' mingħajr skop ta' qligħ, ta' fajls li jkun fihom xogħlijiet jew materjal ieħor protett bid-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati u drittijiet ta' bażijiet ta' data sui generis, bil-għan li jinstab bilanċ bejn id-drittijiet tal-awturi u detenturi oħra tad-drittijiet u d-dritt universali għax-xjenza u l-kultura."

(2) Anness jipprovdi aktar dettalji dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta. B'mod partikolari, huwa jappella għall-emenda tar-regoli tal-UE dwar il-kondiviżjoni tal-kontenut diġitali, li jirreferu speċifikament għad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Il-modifiki previsti jikkonsistu fl-adozzjoni ta' "att leġiżlattiv li jipprevedi eżenzjoni ta'drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati u drittijiet ta' bażijiet ta' data sui generis għal persuni fiżiċi li jikkondividu fajls permezz ta' netwerks diġitali għal użu personali u għal finijiet mingħajr skop ta' qligħ". L-għan stabbilit mill-inizjattiva huwa li tippermetti liċ-ċittadini "jikkondividu l-fajls direttament permezz ta' netwerks bejn il-pari biex ikollhom aċċess għax-xjenza u l-kultura mingħajr ma jkunu soġġetti għal kontrolli u tfassil ta' profili".

(3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini, sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.

(5) L-inizjattiva proposta titlob għall-emenda tar-regoli tal-UE dwar il-kondiviżjoni tal-kontenut diġitali, li jirreferu speċifikament għad-Direttiva (UE) 2019/790 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali, li hija bbażata fuq l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

(6) Jistgħu jiġu adottati, għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, atti legali tal-Unjoni għall-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-bidu u t-tkomplija tal-attivitajiet ta' dawk li jaħdmu għal rashom, abbażi tal-Artikolu 53(1). Skont l-Artikolu 62 tat-TFUE, din il-bażi ġuridika tapplika wkoll għal kwistjonijiet rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif stabbilit fl-Artikoli 56–61 tat-TFUE.

(7) Jistgħu jiġu adottati atti legali tal-Unjoni bl-iskop li jimplementaw it-Trattati, abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE, għall-approssimizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom it-twaqqif u t-tħaddim tas-suq intern.

(8) Minħabba l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-TFUE, l-ebda mill-partijiet tal-inizjattiva proposta ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq xi proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, skont l-Artikolu 6(3)(c) tar-Regolament (UE) 2019/788.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92).

(9) Il-grupp ta' organizzaturi ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt ġew iddeżinjati f'konformità mal-Artikolu 5 (1–3) tar-Regolament u ġiet maħluqa entità legali speċifikament għall-fini tal-ġestjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 5(7).

(10) L-inizjattiva proposta la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE u d-drittijiet stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(11) Għalhekk għandha tiġi rreġistrata l-inizjattiva proposta intitolata "Il-Libertà tal-kondiviżjoni".

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej proposta bit-titolu "Il-libertà tal-kondiviżjoni"

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Il-libertà tal-kondiviżjoni" , irrappreżentata mis-Sur Marco CIURCINA u s-Sur Roberto GALTIERI li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President